**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 125/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**Vs**

**Angelo Vella**

Illum 30 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Angelo Vella detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 74283(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-8 ta' Diċembru 2011 għall-ħabta tas-02:00am ġewwa Triq il-Labour Żabbar, waqt li kien qed jagħmel użu minn vettura tal-marka Fiat bin-numru ta' reġistrazzjoni CBU147,

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ħabat ma' vettura b'numru tar-reġistrazzjoni JON720 u involontarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi per durata lil Jonathan Ċini hekk kif iċċertifikat minn Dr. Rene Camilleri MD tal-isptar Mater Dei, liema grieħi ġabu periklu għall-ħajja tal-istess Jonathan Cini.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi waqt li kien qed jagħmel użu minn vettura tal-marka Fiat bin-numru ta' reġistrazzjoni

CBU147, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, habat ma' vettura b'numru tar-reġistrazzjoni JON720 u involontarjament ikkawża ħsara fuq din l-istess vettura għad-detriment ta' Jonathan Cini u/jew xi persuni oħra.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel użu jew prova jagħmel użu jew kellu kontroll ta' vettura b'numru ta' reġistrazzjoni CBU147, fit-triq jew f'post pubbliku, meta ma kienx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, saq, prova jsuq jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura b'numru tar-reġistrazzjoni CBU 147, fit-triq jew f'post pubbliku, wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mill-limitu preskritt mill-ligi.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'sewqan eċċessiv.

6. U aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża u negliġenti. Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-ligi, jgħoġobha tordna l-iskwalifika ta' kull liċenzja tas-sewqan ta' Angelo Vella għal dak il-perjodu taż-żmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 t'April, 2019 fejn wara li rat l-Artikoli 17, 30, 31, 214, 215, 216, 218, 225, 226(1)(a), 326, 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 15(1)(a)(2), 15A, 15B, 15C, 15H tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Angelo Vella ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u kkundannatu komplessivament għall-piena tal-multa fis-somma ta` elfejn euro (€2,000) u skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta` tmien (8) xhur.

In oltre, bis-saħħa tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta, l-Qorti kkundannat lill-ħati jħallas, lir-reġistratur, l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti kollha fil-każ, inkluż dawk maħtura fl-inkjesta.

Rat ir-rikors tal-appellant Angelo Vella, ppreżentat fis-6 ta' Mejju, 2019, fejn talab lill-Qorti tbiddel u tvarja s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti billi filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' ħtija għall-ewwel tlett akkużi u s-sitt akkuża u tilliberah mir-raba u l-ħames akkużi u konsegwentement tvarja l-piena sabiex tkun aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi kif mibdula.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant Angelo Vella.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appell mressaq mill-appellant Angelo Vella huwa limitat ghad-dikjarazzjoni ta' htija maghmula mill-Ewwel Qorti ghar-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u cioe' dawk li jitkellmu dwar ir-reati marbuta mas-sewqan eccessiv u s-sewqan meta l-proporzjon tal-alkoħol fin-nifs ikun jeċċedi dak preskritt mill-liġi. Jishaq illi l-magna li permezz taghha l-ufficjali tal-pulizija kienu qed jissomministrawlu t-test tan-nifs ġewwa l-għassa ta' Bormla ma kenitx qed taħdem, u finalment ir-riżultat pożittiv ħareġ biss wara r-raba' tentattiv biex b'hekk dan ma jistax jitqies bhala rizultat affidabbli tant illi l-Ewwel Qorti ma setatx tistrieħ fuq dik il-prova hekk miksuba.

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali inkluż id-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li iddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, inkluż ix-xiehda tal-appellant kif ukoll ir-rapporti redatti mill-esperti maħtura b'mod ewlieni dak tal-Perit Mario Buttigieg.

Minn dawn il-fatti probatorji jemergi illi l-appellant kien involut f'incident stradali nhar it-8 ta' Diċembru 2011 fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu ġewwa Haz-Zabbar. F'dan l-incident sofra griehi gravi certu Jonathan Cini. Il-vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni JON720 misjuqa minn Cini spiccat maħbuta f'arblu tad-dawl fuq in-naħa tax-xellug tat-triq fid-direzzjoni tal-Fgura. Il-karozza kellha ħsarat estensivi tant li Cini kellu jinħareġ mill-istess vettura bl-għajnuna tal-haddiema tal-Protezzjoni Ċivili. Fuq in-naħa l-oħra tat-triq kien hemm il-vettura l-ohra involuta fil-kollizjoni tal-ghamla Fiat Fiorini bin-numru ta' registrazzjoni CBU147 li wkoll kellha xi ħsarat li ma kenux estensivi. Din il-vettura kienet misjuqa minn Angelo Vella, l-appellant. Meta' ġie mitkellem l-appellant saħaq illi ftit qabel f'dik il-lejla huwa kien attenda tieġ mat-tfajla tiegħu fejn wara li wassalha d-dar ġewwa Ħaż-Żabbar u filwaqt li kien sejjer lura d-dar tiegħu ġewwa Birżebbuġia seħħet il-kolliżjoni ma' vettura li kienet qed tinsaq quddiemu u fl-istess direzzjoni tieghu. Jallega li hu ma rax din il-vettura ghalkemm laqatha u dan peress illi f'dak il-waqt kien qed iħares lejn kisra fit-triq minn fejn ġieli joħorġu karrozzi li jkunu ġejjin mill-faċċata. Hu ċaħad li kien fis-sakra u taħt l-influwenza tax-xorb jew li kien qed isuq b'veloċita' eċċessiva.

Illi meta l-pulizija kellmu lill-appellant fuq il-post hu kellu riħa ta' xorb u ghalhekk gie somministrat test tan-nifs gewwa l-għassa ta' Bormla li rriżulta fil-posittiv bil-perċentwali ta' 69/100mg u ċioe kważi d-doppju tal-limitu preskritt mill-liġi.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif diga' inghad l-appellant ma jressaq ebda appell marbut mal-fattispecje tal-kaz koncernanti d-dinamika tal-incident u r-responsabbilta' tieghu ghal dan is-sinistru stradali. Jishaq madanakollu li ma kienx hemm bizzejjed provi in atti li jindikaw illi huwa kien qieghed isuq taht l-influwenza tax-xorb meta sehhet il-habta. Dan ghaliex ma giex somministrat test tan-nifs validu, bl-apparat li permezz tieghu jitkejjel il-livell tal-alkohol fin-nifs ma kienx qed jiffunzjona sew tant illi kien biss wara r-raba' tentattiv li hareg

ir-rizultat fil-pozittiv. Illi PC1603 Mario Muscat[1] fix-xiehda tieghu jikkontendi illi ghalkemm huwa minnu illi l-magna f'xi okkazzjonijiet ma kenitx qed tiffunzjona, meta dan sehh kien hemm l-opzjoni li t-test isir gewwa l-għassa ta' Raħal Ġdid. Madanakollu f'din l-okkażjoni l-magna kienet qed taħdem u ghalkemm fl-ewwel tlett tentattivi ma harigx rizultat, dan sehh mhux minħabba xi hsara fil-magna iżda peress illi l-appellant ma kienx qed jonfoħ sew fiha. Konferma ta' dan jinsab fil-karta kontenenti r-rizultat tat-test tan-nifs esebieta in atti fejn hemm irrimarkat illi t-test ma rnexxiex minħabba li l-appellant kien qed jonfoħ b'mod zbaljat fl-apparat.[2]

L-appellant jikkontendi illi filwaqt li kien qed jigi somministrat dan it-test sehh battibekk bejn l-uffiċjali tal-pulizija illi kienu preżenti għat-teħid tat-test, izda dawn il-fatti ma humiex kkorroborati minn ebda xhud li xehed. Dan ifisser illi r-rizultat miksub mill-ahhar test li sar, li kien wiehed pozittiv ghal presenza tal-alkohol fin-nifs li jeċċedi l-limitu preskritt mill-liġi, ghandu valur probatorju li jipponta lejn ir-reita'.

Illi finalment għal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' htija mill-Ewwel Qorti ghal ħames imputazzjoni, jirrizulta mix-xiehda tal-parti leza Jonathan Cini illi is-sewqan tal-appellant kien wiehed eccessiv tant illi l-istess xhud iddeskriva dan is-sewqan bħala 'ferrovija qed tiġri'[3]. Illi wkoll mill-kostatazzjonijiet maghmula mill-espert tat-traffiku nominat fl-*in genere* Mario Buttigieg, jidher illi qabel l-impatt l-appellant kien qed isuq b'velocita ta' aktar minn 120 kilometru fis-siegħa tant illi sakemm il-vettura misjuqa mill-appellant irnexxielha tieqaf għal kollox, ghaddew tmintax il-sekonda.[4] Dan il-kalkolu sar mill-espert abbazi tat-tul ta' brejk marks li kien hemm fit-triq fejn seħħ l-incident, liema marki thallew mill-vettura misjuqa mill-appellant. Konsegwentement ma ghandu jibqa' ebda dubbju f'moħħ din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, illi l-appellant kien qed isuq b'veloċita' eċċessiva, liema velocita' abbinata mal-livell tal-akohol li kkonsma l-

---

[1] Xhieda ta' nhar l-24 ta' Ottubru 2010 a folio 31 tal-atti proċesswali.
[2] 'Blowing too soon' – ara r-riżultat tat-test tan-nifs inserit a folio 75 tal-atti tal-inkjesta formanti parti mill-atti proċesswali.
[3] Folio 78 tal-atti proċesswali.
[4] Ara folio 65 sa 67 tal-atti tal-inkjesta formanti parti mir-rapport tal-Perit Mario Buttigieg (folio 45 sa 47 mir-rapport).

appellant kienu il-kawza prossima tas-sinistru stradali mertu ta' dawn il-proceduri li seta' kellu konsgewenzi fatali.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biss l-aħħar gravam sottopost mill-appellant ghal konsiderazzjoni tal-Qorti marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti illi fil-fehma tiegħu hija waħda eċċessiva. L-appellant inoltre jilmenta illi l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' tmien xhur hija wisq oneruza u ser tkun ta' pregudizzju ghalih minhabba n-natura tal-impjieg tieghu mal-kumpanija tat-trasport tal-merkanzija DHL fejn allura tezisti l-biza rejali li jista' jitlef dan l-impjieg.

Illi din il-Qorti qieset illi l-appellant għandu fedina penali nadifa. Qieset ukoll il-fatt illi d-danni subiti mill-parti leza f'dan il-każ ġew kollha saldati min-naħa tal-appellant bi qbil mal-istess parti leza. Qieset fuq kollox il-konsegwenzi u ir-riperkussjonijiet sofferti mill-parti leza li baqa' jbati minn dizabbilita' fis-sahha tieghu minħabba dan l-inċident stradali.

Finalment il-Qorti ma tistax tinjora dak imfassal mill-legislatur fis-subartikolu (2) tal-artikolu 15 ta' Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta fejn '*meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), <u>għandha</u> tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta'mhux anqas minn sena.*' Bl-istess mod tqis id-diċitura tas-subartikolu (2) tal-artikolu 15H tal-istess liġi fejn jingħad illi '*B'żieda mal-pieni taħt is-subartikolu (1), il-qorti <u>għandha</u> tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur, u fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha għal żmien ta' mhux anqas minn sena..*'

Illi allura l-Ewwel Qorti kellha idejha marbuta u kellha necessarjament tghaddi biex tapplika l-iskwalifika fil-konfront tal-appellant gjaldarba huwa gie misjub hati tat-tielet, ir-raba' u s-sitt akkużi miġjuba kontra tiegħu, bit-

terminu tal-iskwalifika ta' tmien xhur allura iqarreb hafna lejn il-minimu ta' sitt xhur. Illi inoltre it-talba tieghu sabiex il-Qorti tqies li tahfirlu din l-iskwalifika u dan sabiex huwa ma jitflifx l-impjieg tieghu, tinkwadra ruhha fit-termini ta'l-artikolu 30(2) tal-Kodici Kriminali, fejn kif diversi drabi ribadit fil-gurisprudenza tal-qrati taghna, inkluz fis-sentenzi ta' din il-Qorti kif ippresjeduta[5], din id-disposizzjoni tal-ligi ssib applikazzjoni biss meta l-gudizzju jkun wiehed finali u s-sentenza tkun saret gudikat u allura f'dan l-istadju din it-talba hija wahda intempestiva.

In oltre għal dak li jirrigwarda l-*quantum* tal-multa mposta, din ukoll tinsab fil-parametri u tqarreb lejn il-minimu bil-vjolazzjonijiet taht l-artikoli 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta igorru il-piena tal-multa fil-minimu ta' €1800 jew piena karċerarja effettiva, fejn l-Ewwel Qorti ghazlet li timponi il-piena tal-multa ta' €2000. Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bit-terminu ta' tmien xhur ghall-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan jibda' jiddekorri min nofs il-lejl ta' llum.

(FT) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur

[5] Ara l-Pulizija vs Shawn Fenech deciza 03/05/2019 App.nru. 253/2017